**Fil-Qorti tal-Magistrati Malta**

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A., LL.M(Kent)., LL.D., Barrister at Law (England & Wales)**

**Illum id-9 ta' Dicembru 2020**

**Kaz Numru 713/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**Vs.**

**Omissis u**

**El Bakoush Hamza Kamel**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Omissis u kontra **Hamza Kamel el Bakoush** ta'25 sena, detentur passaport Libjan 483423 iben Kamel u Zohra nee El Waled, imwieled Tripli il-Libja nhar 20/07/1992 u

residenti fil-Facilita′ Korrettiva ta' Kordin Tahrika ta' kawża tal-Pulizija.

Akkuzat talli:

Nhar il- 10 ta' Gunju 2017, ghall-habta ta' bejn 09:00 am u 09:30 a.m., fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, Rahal il-Gdid (Paola), Malta, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f′periklu car ikkagonaw hsara fil-gisem jew fis-sahha tal- persuna ta' Xarofon Florakos, griehi ta' natura gravi, jew gabulu disordni f'mohhu kif iccertifikat Dr. Alexandra Baldacchino Reg. No. 2180 mic-Centru tas-Sahha Paola u dan bi ksur tal-Artikli 214, 216, tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbew ghall-persuna ta′ Xarofon Florakos sabiex tingurjawh, iddejquh jew taghmlulu hsara kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodiči bi ksur tal-Artikli 339 (d) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Fkaz ta′ htija l-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika l- artiklu 33A tal-Kodiči Kriminali tal-Kap 9.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta′ tal-imsemmi Xarofon Florakos, u tapplika I-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liğijict ta' Malta u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'każ ta' htija 1-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Xarofon Florakos ai termini tal-Artikolu 383 et. seq. tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il--Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija titratta lill-imputati omissis u Hamza Kamel El Bakoush bhala li saru recidivi ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal- Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil omissis u Hamza Kamel El Bakoush u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat illi din il-Qorti kif inhi ppreseduta giet assenjata din il-kawza permess ta digriet ta' nhar il-10 ta' Mejju 2019 moghtija mis-Sinjurija Tieghu Onor. Prim Imhallef Joseph Azzopardi LL.D.[1]

Rat li fl-udjenza tal-23 ta' Settembru 2019 il-partijiet ivverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif inhi ippresjeduta milli terga' tisma' lix-xhieda prodotti;[2]

Rat li matul is-seduta tal-25 ta' Novembru 2019, l-imputat omissis irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijet dedotti kontrieh, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Rat li s-sentenza fil-konfront ta' omissis inghatat nhar is-7 ta' Jannar 2019, ma gietx appelata, u konsegwentement ghaddiet in gudikat.

[1] Folio 178 ta' l-atti processwali
[2] Folio 183 ta' l-atti processwali

Rat li fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru 2020 xehed bil-gurament Rawad Briga.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar il-10 ta' Gunju 2017 meta gie rraportat mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li kien qam argument bejn xi prigunier gewwa d-divizjoni 12 u wiehed mill-prigunieri sofra griehi gravi f'xofftejh u anke kellu bzonn xi punti.

Mill-investigazzjoni tal-pulizija gie kkonfermat li l-incident sar bejn l-vittma, certu Xenafon Florakos, l-imputat u persuna ohra, Rawad Briga. Il-vittma kien qieghed inaddaf gewwa divizjoni 12, meta minnufih, l-imputat u l-persuna ohra, Rawad Briga qabduh mill flokk u tawh daqqa ta' ponn fuq xuftejh bil-konsegwenza li qasmulu xoftejh u beda hiereg hafna demm.

**Ikkunsidrat:**

Mix-xhieda tal-vittma Xarofon Florakos[3] irrizulta li l-persuna li kien aggredih u tah daqqa ta' ponn kien Rawad Briga.

*"Court: Who gave you this punch?*

*Witness: Briga"*[4]

*"Court: Now you mentioned Mr Briga. Mr Bakoush what did he do?*

[3] Folio 34-40 ta' l-atti processwali
[4] Folio 35 ta' l-atti processwali

*Witness: He come together but I don't see anything because after the punch I don't understand nothing."*[5]

Illi fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru 2020 xehed bil-gurament Rawad Briga u dan wara li kienet diga nghatat sentenza kontrih minn din il-Qorti kif presjeduta. Illi f'din ix-xhieda irrizulta li l-imputat ma kellu xejn x'jaqsam mal-kaz, ma kienx involut fl-argument u ma kkaguna ebda griehi lill-vittma ghaliex dak kollu li gara mill-vittma sar minn Rawad Briga u l-imputat inserta li kien biss presenti dak il-hin li nqala l-incident.

*"Hamza El Bakoush ma kellu x'jaqsam xejn.*

*Hu kien wahdu in-naha l-ohra u jiena li mort ghalih u tajtu daqqa ta' ponn, Hamza Bakoush ma ghandu x'jaqsam xejn."*[6]

Fis-sottomissjonijiet tal-partijiet kien hemm qbil li l-hati Rawad Briga diga nstab hati tar-reati u refa' r-responsabilita kollha ta' l-incident u ezonera lill-imputat minn kwalunkwe involviment.

Ghaldaqstant, jidher car lill-Qorti li l-imputat ma kellu ebda involviment fil-kwistjoni mal-vittma Xarofon Florakos u li ma kkagunalu ebda griehi jew hsara f'gismu jew f'sahhtu kif ukoll li lanqas ingurajh jew dejqu b'xi mod.

In vista tal-fatt li l-kaz ma giex ippruvat il-Qorti sejra tghaddi sabiex tillibera lill-imputat.

**Decide**

[5] Folio 36 ta' l-atti processwali
[6] Udjenza 29 ta' Ottubru 2020

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 214, 216, 339(d), 33A tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali qeghda ssib, lil Hamza Kamel El Bakoush **mhux hati** tal-imputazzjoni migjuba kontrih u tilliberah minn kull htija u piena.

**Moghtija illum nhar id-9 ta' Dicembru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorriane Spiteri**

**Deputat Registratur**